# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 31 ta' Awwissu, 2021.**

**Numru 3**

**Rikors numru 281/06/1 AF**

**Philip u Emanuela konjuġi Bartolo u b'digriet tal-20 ta' Mejju, 2016, il-ġudizzju f'isem Philip Bartolo li miet fil-mori tal-kawża, ġie trasfuż għal fuq isem l-istess Emanuela Bartolo, Elton Bartolo u Rachel Żammit Bartolo**

**v.**

**Marthese u Tarcisio konjuġi Caruana**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell imressaq mill-intimati miżżewġin Caruana minn digriet tal-10 ta' Novembru, 2009, (minn issa 'l hemm imsejjaħ "il-provvediment") u minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-9 ta' Marzu, 2016 (minn issa 'l hemm imsejħa "is-sentenza appellata"),

fil-kawża fl-ismijiet premessi li, fil-każ tal-provvediment, dik il-Qorti ċaħdet lill-appellanti t-talba tagħhom li jitħallew iressqu eċċezzjonijiet ulterjuri; filwaqt li, fil-każ tas-sentenza appellata u għar-raġunijiet hemm imfissra, dik il-Qorti ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-intimati appellanti u laqgħet l-ewwel tliet talbiet attriċi, filwaqt li astjeniet milli tqis it-tliet talbiet attriċi l-oħrajn, u ordnat lill-appellanti jħallsu l-ispejjeż tal-kawża;

2. Fl-att li bih fetħu l-kawża, l-atturi (minn issa 'l hemm imsejħin "l-appellati") qalu li, flimkien mal-appellanti, huma s-sidien indaqs tan-negozju u ta' dak kollu li jiġi miegħu f'gabbana bl-isem "*Marea Kiosk*" fl-Għadira, fil-limiti tal-Mellieħa. Tennew li, minħabba xi diżgwid li nqala' bejniethom, ma xtaqux jibqgħu fi stat ta' komunjoni mal-appellanti miżżewġin Caruana u dehrilhom li l-qasma ma setgħetx issir kif imiss. Għalhekk, talbu li l-Qorti ssib li n-negozju ma setax jinqasam bla xkiel u bla ħsara u li tordna li n-negozju jinbiegħ b'irkant taħt l-awtorita` tagħha ("*sub hasta*") u dan wara li jiġi stmat l-istess negozju minn perit maħtur minnha għal dan il-għan. Alternattivament, talbu li, f'każ li kellu joħroġ li l-qasma setgħet issir bla xkiel u ħsara, l-assi tan-negozju jkunu likwidati u ssir il-qasma f'żewġt ishma ndaqs, waħda għal kull parti fil-kawża;

3. Illi għal dik l-azzjoni l-appellanti laqgħu li huma biss kienu s-sidien tal-kjosk u l-oġġetti kollha annessi miegħu u għalhekk ma kien hemm xejn x'jinqasam. Qalu wkoll li l-permess tal-Kummissarju tal-Artijiet biex

jitħaddem il-kjosk jgħajjat lill-intimata. Żiedu jgħidu li ma hemmx lok għall-qasma u għaldaqstant it-talbiet attriċi m'għandhomx bażi legali;

4. Illi biex waslet għad-deċiżjoni tagħha, l-ewwel Qorti għamlet il-konsiderazzjonijiet li ġejjin:

> "*Ikkunsidrat illi fil-kawża odjerna: qed tintalab dikjarazzjoni li n-negozju tal-gabbana huwa proprjetà tal-kontendenti u konsegwentement jiġi ordnat il-bejgħ bl-irkant (jew diviżjoni) tiegħu:*
>
> *Ir-rikorrenti Bartolo qed jallegaw illi huma flimkien mal-intimati Caruana huma proprjetarji ta' negozju bl-isem "MAREA KIOSK" fl-Għadira, il-Mellieħa, u li tali negozju ilu jiġi ġestit minnhom mill-1988. Isostnu li huma għandhom nofs (½) indiviż u l-intimati għandhom nofs (½) indiviż ieħor mill-imsemmi negozju u li kienu jaqsmu bin-nofs il-profitti netti bejniethom. Jispjegaw li minħabba diżgwid li inqala' bejniethom ma jridux jibqgħu aktar in komunjoni mal-intimati u għalhekk għamlu din il-kawża biex jiġi dikjarat li n-negozju tal-kjosk (bl-assi tanġibbli bħall-kjosk innifsu, l-oġġetti li jiġu kkunsmati, makkinarju, tagħmir u ħażniet, permessi għall-ġestjoni tan-negożju, avvjament, jeddijiet tal-proprjetà intellettwali u kull jedd ieħor) mhux komodament diviżibbli u konsegwentement għandu jiġi ordnat il-bejgħ fl-irkant tiegħu mingħajr oblaturi estaneji. Talbu wkoll li f'każ li jirriżulta li huwa fil-fatt kommodament diviżibbli jinqasam ugwalment bejniethom.*
>
> *L-intimati Caruana da parti tagħhom fl-ewwel lok jaċċennaw għall-fatt li l-gabbana in kwistjoni hija soġġett għal "Mobile Kiosk Permit" li jinħareġ mill-Gvern lil Marthese Caruana personalment. In oltre jgħidu li l-unika persuna li għandha xi titolu in konnessjoni mal-gabbana in kwistjoni hija l-intimata Marthese Caruana u li kienet akkwistat tali titolu permezz ta' skrittura privata mingħand Mario Caruana fid-9 ta' Lulju 1988. Isostnu hija l-intimata li hija l-proprjetarja tal-kjosk u tas-sunbeds, umbrelel u l-oġġetti l-oħra konnessi mal-kjosk, liema kjosk kien inxtara minnha bl-għajnuna finanzjarja tal-bank. Għalhekk jgħidu li mhux minnu li n-negozju tal-kjosk (bl-assi tanġibbli bħall-kjosk innifsu, l-oġġetti li jiġu kkunsmati, makkinarju, tagħmir u ħażniet, permessi għall-ġestjoni tan-negozju, avvjament, jeddijiet tal-proprjetà intellettwali u kull jedd ieħor) huwa proprjetà komuni.*
>
> *Ir-rikorrent Philip Bartolo fl-affidavit*[1] *tiegħu xehed li fis-7 ta' Lulju 1988 oħtu l-intimata Marthese Caruana u żewġha Tarcisio kienu marru għandu d-dar u pproponewlu jidħol sħab magħhom f'biċċa negozju rigwardanti t-tmexxija ta' kjosk l-Għadira. Żied jgħid li dak in-nhar kienu*

[1] Fol 15-19.

*avviċinaw lil ħuhom Raymond Bartolo u dak il-ħin stess iltaqa' magħhom biex jiddiskutu l-idea tan-negozju "…ġie miftiehem li l-permess tal-kjosk kellu joħroġ fuq Marthese Caruana, għax kif diġa għidt ma setax ikun intestat fuq l-ebda persuna ħlief Caruana, waqt li jien kelli noħroġ il-flus biex isir dan in-negozju, għax Marthese u Tarcisio, dak iż-żmien flus ma kellhomx."*

*Qal li l-għada tal-ftehim, u cioé fit-8 ta' Lulju 1988 ġibed Lm10,000 mill-bank biex l-għada meta jsir it-trasferiment tal-beach concession*[2] *minn fuq Mario Caruana għal fuq Marthese Caruana, l-istess Mario Caruana seta' jitħallas l-ammont ta' Lm9,770. Qal li mill-Lm230 li kien fadal tħallas in-nutar Gambin u xtraw l-affarijiet li kien hemm bżonn għat-tmexxija tal-kjosk dak iż-żmien. Spjega wkoll li f'Awwissu 1988 kienu ħallsu Lm500 lil Jimmy Caruana, ħu Tarcisio, talli kien hu li irsista biex jinħarġu l-permessi. (Fix-xiehda tiegħu tas-26 ta' Mejju 2010*[3] *ir-rikorrent jirreferi għad-Dok JMCX1*[4] *li hija fotokopja minn djarju u jispjega li fuqha hemm indikat li fil-21 ta' Awwissu 1988 kienu tħallsu Lm500 lil "Jimmy".)*

*Żied jgħid li wara xi xhur il-flus li kien ħareġ għan-negozju ircevihom lura mingħand il-bank meta ħadu loan mingħand il-BOV. Spjega "…din il-loan ġiet intestata fuq oħti l-intimata, pero` jiena u ħija Raymond iggarantixxejna l-ħlas ta' din il-loan b'ipoteka speċjali fuq il-proprjetà tagħna." Jgħid li għalkemm il-loan ħarġet fuq isem oħtu dan ma kienx għaliex il-flus ħarġithom hi, "iżda għax il-permess tal-Marea kjosk kien fuq isimha minkejja li l-proprjetà kienet tagħna lkoll u cioé tiegħi, ta' ħija u t'oħti Marthese. Fil-fatt jiena ggarantejt bid-dar tiegħi u żewġ mħażen kbar għan-negozju, waqt li ħija Raymond ħareġ bħala garanzija d-dar tiegħu u l-intimati ħarġu bħala garanzija l-plot fil-Gudja li kellhom u li kienet għadha mhux mibnija."*

*Xehed illi mill-1988 sal-1989 kienu jaqsmu l-profitti bejn it-tlett aħwa (hu, Raymond u Marthese) iżda Raymond iddecieda li jitlaq, ħa Lm450 u komplew bin-negozju hu u Marthese. "…minn Lulju 1989 'il-quddiem, in-negozju baqa' tiegħi u t'oħti u għalhekk il-profitti baqgħu jinqasmu 50/50 bejnietna t-tnejn." Isostni li minn Lulju 1989 'il quddiem in-negozju baqa' tiegħu u ta' oħtu u l-profitti kienu jinqasmu beniethom it-tnejn.*

*Jispjega li barra li kienu jaħdmu huma r-rikorrenti u l-intimati fil-kjosk, kienu anke jaħdmu ħuthom u t-tifel tiegħu Elton. Fir-rigward tal-paga ta' Elton, jgħid li kien itihielu minn sehmu tal-profitti u fir-rigward tal-ħaddiema barranin u ħuthom dawn kienu jitħallsu qabel ma jinqasmu l-profitti.*

*Jgħid li l-kotba tal-amministrazzjoni fihom il-kitba tiegħu u ta' Marthese Caruana u meta kienet tagħlaq is-sena partikolari kien iżommhom hu.*

---

[2] Dok Y, fol 10, kuntratt ta' trasferiment tal-*beach concession* minn Mario Caruana għal fuq Marthese Caruana, u wkoll bejgħ tal-gabbana bl-armar u l-istokk kollu tagħha.
[3] Fol 444-445.
[4] Fol 440.

*Jgħid li għandu l-kotba mis-sena 1988 sal-2004 u r-raġuni għaliex m'għandux tal-2005 kien minħabba l-inkwiet li kien inqala'. Dawn il-kotba kollha gew esibiti in atti.*

*Jirreferi għall-assikurazzjoni tal-kjosk li kienet tkopri mhux biss il-kjosk iżda l-oġġetti kollha u anke l-eventwalità ta' xi incident, u jaċċenna għall-fatt li hija intestata fuqu. Iżid jgħid li anke x-xogħol kollu tal-bank rigwardanti depożiti, u kotba tax-xogħol tal-ETC, PAYE u dak kollu li kellu x'jaqsam man-negozju kien jieħu ħsiebu hu.*

*Ikompli jgħid li sas-sena 2005 l-intimati qatt ma ppretendew li l-kjosk huwa tagħhom, iżda mis-sena 2006 l-intimata qabet u fetħet il-kjosk u waqqfithom milli jipparteċipaw fit-tmexxija tiegħu għaliex qed tippretendi li la huwa intestat f'isimha huwa tagħha.*

*Huwa jirraġuna li ġialadarba dejjem ħa parti mill-profitti (50%) mill-1989 dejjem ikkonsidra li l-kontendenti kienu sidien b'fiduċja totali f'xulxin. Jgħid li ladarba s-sitwazzjoni ma tistax tkompli kif inhi, huma r-rikorrenti jridu li n-negozju jinbiegħ bis-subasta. Jispjega li kienu offrew li l-intimati jixtruhom jew huma jixtru lill-intimati għal Lm90,000 iżda l-konsulent legali infurmah li l-intimata ma kienitx interessata. Ir-rikorrent jaċċenna għall-ittra tal-15 ta' Frar 2006*[5] *mibgħuta lid-difensur tiegħu mid-difensur tal-intimata fejn jingħad "…is-sur Philip Bartolo dejjem ħa parti mill-profitt" u għalhekk jgħid li ma jistax jifhem kif issa qed iċċaħdu mill-proprjetà ta' ħwejġu.*

*Kontro-eżaminat*[6] *jgħid li lejn l-aħħar taż-żmien kienet tatu xi karti tal-ETC biex jiffirma. Jgħid li fil-fehma tiegħu dan kien għall-ħsieb li kellha. F'kontro-eżami ieħor*[7] *jgħid li l-Lm10,000 li kien silef lill-intimata kien biex jagħmlu n-negozju flimkien. Jikkonferma li ħadhom lura wara xi xhur meta imbagħad isselfu mill-bank: "Il-permess kien fuq isem Marthese, il-flus issellfithom fuq isimha hi u jiena għamilt garanti." Mistoqsi dwar il-VAT jgħid li "Jiena naqbel illi fuq iċ-ċertifikat tal-VAT hija mniżżla Marthese Caruana bħala s-sole proprietor." Però jsostni li dejjem kienu sħab. Jispjega li flimkien issetiljaw mal-VAT meta kienu qalgħu ċitazzjoni.*

*Jammetti li "Kuntratt bejnietna ma kienx hemm, bil-miktub għandna l-kitba tan-negozju".*

*Elton Bartolo, it-tifel tar-rikorrenti, fl-affidavit tiegħu*[8] *jikkonferma li wara li kien ħareġ zijuh Raymond min-negozju il-profitti kienu jinqasmu nofs bin-nofs bejn missieru r-rikorrent u zitu l-intimata u li hu kien jitħallas mill-profitti li kien jieħu missieru.*

*Dwar il-kotba tal-amministrazzjoni jgħid li fihom kienu jiktbu kemm*

---

[5] Dok PB2, fol 22A.
[6] Kontro-eżami tar-rikorrent tas-16.12.2009, fol 422.
[7] Kontro-eżami tar-rikorrent tal-04.02.2009, fol 426-428.
[8] Affidavit ta' Elton Bartolo fol 23-24.

*missieru u kemm l-intimata, u meta ma kinux ikunu hemm fl-aħħar tal-ġurnata biex jingħadd ix-xogħol, ġieli għamlu hu. Jgħid li "Jiena dejjem niftakar lil missieri u ziti Marthese qabel ma nagħlqu l-kiosk fil-għaxija minn xi siegħa qabel, jagħmllu l-kontijiet tal-ġurnata, jgħoddu l-flus flimkien u jniżżlu dak li kienu daħħlu fil-kotba."*

*Jgħid ukoll li tant in-negozju kien tar-rikorrenti u tal-intimati li fl-aħħar żewġt isjuf biex ikollhom weekends off, kienu jifthemu jaħdmu darba weekend il-familja tar-rikorrenti u darba l-familja tal-intimati.*

*Rachel Bartolo[9], bint ir-rikorrenti, fl-affidavit tagħha tispjega li meta spiċċat l-iskola bdiet tistudja l-accountancy u l-computer u ġiet imqabbda minn missierha u zijietha biex iżżomm il-kotba tal-eżiti. Tgħid li kienet tieħu d-dħul u l-infiq li kienu jtuha missierha u zijietha u tniżżilhom fuq l-ispreadsheets biex imbagħad jiġu ppreżentati lid-dipartiment tal-VAT. Tispjega wkoll li fl-ewwel ħames snin li kienu bdew in-negozju, missierha u zijitha kienu jaqsmu l-flus id-dar iżda mbagħad bdew jaqsmu l-flus kull nhar ta' Ħadd fil-gabbana stess u kienet tiġi mqabbda biex toqgħod mal-bieb biex ħadd ma jidħol ġewwa. "Wara li jaqsmu l-flus missieri kien jagħtini sehmna kif ukoll pakkett ieħor flus biex jieħdu l-bank ħalli huwa jkun jista' jħaddem il-kont tal-bank. Dan nafu għax dawn il-flus kien jgħaddihomli missieri u kont inpoġġihom fil-handbag tiegħi. Mhux l-ewwel darba li rajt liz-zija Marthese tpoġġi sehmha mill-flus fil-handbag tagħha. Fl-aħħar tal-ġimgħa ukoll, jiena ġieli rajt liz-zija Marthese u anke lil missieri, skont min kien imissu, iħallsu lill-ħaddiema cash."*

*Issemmi wkoll li l-assikurazzjoni dejjem inħarġet fuq isem missierha, li kull inkwiet li kien jinqala' mal-gabbana, sija mal-pulizija, sija mal-avukat u sija mal-ġirien kompetituri tagħhom, kien jieħu ħsieb missierha. Tgħid li ommha kienet tqandel u taħsel is-srievet tal-gabbana d-dar tagħhom.*

*Issostni li kien biss fi Frar 2006 li zijitha l-intimata bdiet tippretendi li l-gabbana hija tagħha peress li hija reġistrata fuq isimha u li huma ma kellhom xejn minnha.*

*Kontro-eżaminata[10] tgħid li "Il-papà kien jieħu 50% bħal ma kienet tieħu l-50% hi (l-intimata)."*

*Raymond Bartolo, ħu l-kontendenti Philip Bartolo u Marthese Caruana, fix-xiehda tiegħu[11] jikkonferma li fl-1988 kienu jmexxu l-kjosk. Jgħid li meta Marthese Caruana sselfet Lm10,000, kienu għamlu tajjeb għas-self it-tlieta li huma: hu, r-rikorrent u l-intimata stess, u dan permezz ta' ipoteki fuq id-djar tagħhom[12]. Jispjega li l-ewwel kien ħareġ il-flus ir-rikorrent Philip Bartolo imma meta sar is-self mill-bank huwa kien ħa l-*

[9] Affidavit ta' Rachel Bartolo a fol 40-41.
[10] Kontro-eżami ta' Rachelle Bartolo tas-16.12.2009, fol 420-421.
[11] Xiehda ta' Raymond Bartolo, 22.02.2007, a fol 45-48.
[12] Kopja tal-ipoteka Dok RB1 a fol 49-50.

*flus li kien ħareġ biex kienu setgħu jarmaw il-gabbana. Huwa jikkonferma li kien dam sena biss jaħdem u li meta telaq ma jiftakarx jekk kienx ħa xi flus. Jispjega li fis-sena li kien imexxi l-kjosk ma' ħutu kienu jiltaqgħu jgħoddu l-flus, iħallsu l-ispejjeż u li jibqa' jaqsmuh. Kontro-eżaminat ġie suġġerit lilu li l-flus li kienu jieħdu kien ħlas tax-xogħol li kienu jagħmlu iżda huwa jsostni li kienu jaqsmu kollox wara li jaqtgħu l-ispejjeż.*

*Ġemma Bugeja*[13]*, li tiġi oħt ir-rikorrent Philip Bartolo u l-intimata Marthese Caruana fix-xiehda tagħha tispjega li kienet taħdem fil-gabbana flimkien ma' ħutha oħra u wkoll xi tfal tagħhom. Tgħid li ma tafx ta' min hu n-negozju għax dejjem kienet tara lil Philip u lil Marthese jaħdmu flimkien. Dwar il-ħlas li kienet tieħu tgħid li "Il-flus daqqa tathomli Marthese u daqqa tahomli Philip." Tispjega li fl-aħħar tal-ġurnata kienu jingħaddu l-flus u li jekk kien ikun hemm Philip waħdu kien jgħoddhom hu, jekk ikun hemm Marthese waħedha kienet tgħoddhom hi, u jekk ikunu hemm it-tnejn flimkien kienu jgħodduhom it-tnejn flimkien.*

*Mary Bonnici*[14]*, li tiġi oħt ir-rikorrent Philip Bartolo u l-intimata Marthese Caruana fix-xiehda tagħha tispjega li hija wkoll kienet taħdem il-kjosk. Tgħid li l-flus tal-ġurnata kien jgħoddhom Philip waħdu, jew Marthese waħedha, jew it-tnejn flimkien, skont min ikun jinzerta. "Jekk ikun hemm Philip waħdu joħodhom Philip." Dwar il-ħlas li kienet tieħu għal xogħolha tgħid "Jiena kont nitħallas minn Marthese jekk ikun hemm Marthese u Philip jekk ikun hemm Philip."*

*Is-Supretendent Raymond D'Anastasi*[15] *fix-xiehda tiegħu jispjega li kien għamel bejn l-1993 u l-1999 stazzjonat il-Qawra li tkopri l-Mellieħa u li l-partijiet fil-kawża odjerna jafhom. "Nafhom bħala s-sidien tal-Marea Kiosk fl-Għadira." Kontro-eżaminat jgħid li "Naf illi kienu jmexxu Philip u Marthese u hemmhekk kien tagħhom. Il-problemi kont inkellem lil Philip, lil Marthese kont naraha hemmhekk ukoll."*

*Dione Bartolo*[16] *fix-xiehda tiegħu jgħid li xi snin qabel kien tqabbad jibni xi taraġ tal-konkos ma' ġenb il-kiosk u tax-xogħol kien ħallsu r-rikorrent Philip Bartolo.*

*Peter England*[17] *fix-xiehda tiegħu jispjega li huwa jokkupa l-kariga ta' direttur ta' England Insurance. Jikkonferma li r-rikorrent huwa indikat bħala l-assigurat*[18]*. Kontro-eżaminat qal li huma ma jitolbux prova ta' ownership u li meta jkollhom applikazzjoni għal assigurazzjoni jimxu fuq "good faith".*

---

[13] Xiehda ta' Gemma Bartolo, tal-14.03.2007, fol 310-312.
[14] Xiehda ta' Mary Bonnici tal-14.03.2007, fol 313-314.
[15] Xiehda ta' Raymond D'Anastasi tat-12.06.2007, fol 332-333.
[16] Xiehda ta' Dione Bartolo tat-12.06.2007, fol 334-335.
[17] Xiehda ta' Peter England tat-12.06.2007, fol 336-338.
[18] Fil-fatt mat-taħrika tax-xhud ir-rikorrenti kienu annettew kopja tal-polza li tgħajjat lir-rikorrent, ara fol 317.

*Francis Vella*[19] *fix-xiehda tiegħu jispjega li huwa jokupa l-kariga ta' direttur tas-soċjeta` Express Trailers u jiftakar li r-rikorrent Philip Bartolo ġieli ordna xi xogħol minn barra (bħal konsenja ta' umbrelel) u kien jitlob lis-soċjetà iġġorrhielu.*

*Mill-banda l-oħra l-intimata Marthese Caruana*[20] *fix-xiehda tagħha tat-28 ta' Novembru 2007 fir-rigward tan-negozju tal-kjosk tgħid li l-Ministru ried li l-kjosk jieħdu r-raġel tagħha, Tarcisio Caruana, peress li jiġi ħu Raymond Caruana li kien inqatel. Tispjega li "Jiena ma kellix flus biex nibdih jiena dan il-business u ħuti xtaqu jgħinuni. Philip stess kien offrieli li jsellifni l-flus…Jiena kelli bżonn nissellef il-flus mill-bank. Għamlu garanzija ħija Philip, hija Raymond u r-raġel tiegħi. Sadanittant biex inkun nista' naħdem Philip offrieli li jagħtini Lm10,000 minn flusu sakemm saret l-ipoteka etc u fi żmien xahar saret it-transfer cioé l-flus Philip reġa' ħadhom Philip." Tkompli tgħid li kellha bżonn il-ħaddiema fil-kjosk u peress li ħutha Philip u Raymond kienu garanti tagħha bdew jaħdmu huma magħha. Tgħid li l-Ħadd kienet tħallas lir-rikorrent tal-ispejjeż li kien jagħmel, tagħtih il-flus biex jiddepożitahom il-bank biex taqta' d-dejn, u minn dak li kien jifdal kienet taqsamhom bejniethom it-tlieta. Iżżid tgħid li l-kont mal-bank kien fuq isimha u tgħid li kienet toħroġ ċekkijiet sabiex jinxtraw sunbeds, shipping tas-sunbeds ecc.*

*Hija ssostni li r-rikorrent "qed jippoża bi ħwejġi ma nafx għalfejn daħħalni l-qorti għax irid Lm90,000 sehmu."*

*Finalment tgħid li l-kjosk m'għadux jgħajjat lilha għaliex il-permess issa qed joħroġ fuq bintha Rayona. Tispjega li lil bintha Rayona begħetilha l-kjosk bl-attrezzi kollha.*

*Kontro-eżaminata*[21] *l-intimata qalet "Aħna qatt ma għamilna negozju flimkien, jien u ħuti. In-negozju dejjem tiegħi kien." Hija tiċħad li staqsiet lir-rikorrent biex jidħol fin-negozju magħha iżda ssostni li kienet marret għandu sabiex jislifha l-flus. Dwar ħuhom l-ieħor Raymond, tgħid li kienu bagħtu għalih biex jaħdem magħhom u mhux biex ikollu sehem. Tispjega li fis-sena li dam magħhom Raymond kienu jaqsmu l-qligħ tan-negozju bejniethom it-tlieta: hi, Philip u Raymond. Tispjega li "Kont naqsam magħhom bona grazzja tiegħi peress li huma kienu għamluli pjaċir li kienu garanti tiegħi biex nibda' n-negozju." Dwar ir-rikorrent tgħid li kien l-id il-leminija tagħha u kienet tafdah b'għajnejha magħluqa iżda tilmenta li kien qed jipprova jagħmel "xibka" biex jifgaha u kiteb ismu 'l hawn u 'l hemm biex jipprova jidħlilha fin-negozju. Issostni li "Tajtu kollox f'idejh però n-negozju ma kien ikun qatt tiegħu. In-negozju dejjem tiegħi kien." Mistoqsija għalfejn kienet taqsam il-profitti bejn tlieta, tgħid li riedet tpattilhom tal-pjaċir li kienu għamlulha meta qagħdulha garanti. Mistoqsija għalfejn wara li telaq Raymond baqgħet taqsam il-qligħ ma' Philip qalet li kienet għadha qed tħallas id-dejn u*

[19] Xiehda ta' Francis Vella tat-12.06.2007, fol 339-340.
[20] Xiehda tal-intimata Marthese Caruana, 28.11.2007, fol 346-348/ fol 7-9 tal-kawża 1254/07AF.
[21] Kontro-eżami tal-intimata Marthese Caruana, 05.11.2008, fol 381-386.

*Il-pjaċir jiena domt nagħmilulu xi 20 sena." Issostni li l-flus kienet ittihomlu "bona grazzja."*

*Hija ippreżentat żewġ dokumenti tal-ETC[22] datati Novembru 2008 li jirrigwardaw it-terminazzjoni tal-"impieg" tar-rikorrent u ta' ibnu Elton magħha. L-impieg tar-rikorrent huwa indikat bħala "beach boy - part-time" u l-impieg ta' ibnu bħala "beach boy – full-time". Ir-raġuni indikata għat-terminazzjoni fiż-żewġ każi hija "redundancy" u d-data tat-terminazzjoni hija 28 ta' Ottubru 2005.*

*Sorprendentement, f'xiehda sussegwenti[23] tikkonferma li l-unika darba li rreġistrat lir-rikorrent bħala impjegat tagħha kien fl-aħħar sena li ħadmu flimkien u cioé fit-30 ta' Mejju 2005. Il-Qorti tinnota illi f'dan il-perjodu kien digà nqala d-dizgwid bejniethom.*

*Fix-xiehda tagħha fil-kawża l-oħra[24] issostni li ħuha "qatt ma ħareġ 1 cent għaliex fi żmien 3 ġimgħat irritornajt il-flus kollha lura u d-dejn għamiltu kollu f'ismi waħdi. Kieku konna sħab konna naqsmu d-dejn bejn tlieta mhux nagħmlu kollu jien id-dejn." Kontro-eżaminata qalet li "Qatt ma konna sħab minkejja li konna naqsmu. L-isħab fl-ajru qiegħed. Mhuwiex minnu li meta dawwart il-kjosk fuq it-tifla kien diġa hemm l-inkwiet bejni u bejn ħija."*

*Rayona Caruana[25], bint l-intimati, fix-xiehda tagħha tal-5 ta' Marzu 2009 tgħid li hija aċċettat il-kjosk meta ommha offritulha għaliex ommha kienet għejjiet taħdem. Tispjega li iżżomm sistema simili għal kif kienet iżżomm ommha fir-rigward ta' x'ikun daħal u ħareġ. Ftit wara x-xiehda tagħha Rayona Caruana ippreżentat kopja tal-permess datat 8 ta' Mejju 2006 li jidher fuq isimha.[26]*

*Fix-xhieda tagħha fil-kawża l-oħra[27], qalet li ma kinitx taf b'inkwiet bejn ommha u z-ziju tagħha meta inqaleb il-permess tal-konċessjoni fuq isimha. "L-inkwiet inqala' meta ommi avżat lil Philip." Qalet li ma tafx kif kienu jinqasmu l-flus qabel ma ħadet il-kariga hi fl-2006.*

*Tony Borg[28] li jaħdem bħala salesman ma' Trade Ways Ltd li jbiegħu oġġetti relatati mal-baħar, jgħid li dejjem tkellem mal-intimata li kienet tordna x-xogħol u kienet tħallsu dejjem hi biċ-ċekkijiet. Jgħid li lir-rikorrent ma jafux.*

*Kenneth Xuereb[29] li jaħdem mal-Model Toys Ltd jgħid li lill-intimata ilu jafha ħdax-il sena minn mindu bdew ibiegħu l-oġġetti relatati mal-baħar bħal lilos u blalen. Jgħid li ħallsitu b'ċekkijiet f'isimha.*

[22] Dok ETC1 u Dok ETC2.
[23] Xiehda tal-intimata tal-05.03.2009, fol 392-394.
[24] Xiehda tal-intimata tal-11.05.2011, fol 120-121 tal-atti tal-kawża 1253/07.
[25] Xiehda ta' Rayona Caruana tal-05.03.2009, fol 398-400.
[26] Fol 404 – Permit Letter – Mobile kiosk letter.
[27] Xiehda ta' Rayona Caruana tas-06.10.2011, fol 125-127.
[28] Xiehda ta' Tony Borg tal-24 ta' Ġunju 2009, fol 411.
[29] Xiehda ta' Kenneth Xuereb tal-24 ta' Ġunju 2009, fol 413.

*L-attriċi Emanuela Bartolo[30], ittellgħet tixhed mill-intimati u fix-xiehda tagħha qalet li taf li żewġha Philip Bartolo kien mar il-bank u ma taf xejn aktar għaliex kienet tħallih jagħmel hu. Mistoqsija tafx jekk l-intimata kinitx ħallset lil żewġha r-rikorrent lura tal-flus li sellifha qalet li ma setgħetx tgħid. Kontro-eżaminata qalet li ma kienx jinteressaha kif jinqasmu l-flus u lanqas biss kienet toqgħod ħdejhom meta jsiru l-kontijiet tal-gabbana. "X' kienu jagħmlu bejniethom jiena ma kontx naf." Tiftakar li fil-bidu kienu jaqsmu bejn tlieta meta kienu għadhom tlieta imbagħad baqgħu żewġha u l-intimata biss.*

*John Mary Caruana[31], ħu l-intimat Tarcisio Caruana, jispjega li Raymond Caruana li kien inqatel jiġi ħuhom u li l-Ministru ried li l-gabbana tkun għand il-familja tagħhom. Jispjega li Mario Caruana, li fuqu kien il-permess oriġinarjament kien qallu li ried il-flus u jaqleb il-permess. Jispjega li l-permess dam ma ħareġ xi xahrejn. Kontro-eżaminat jgħid li jiftakar li kien ħa Lm500 kontanti. Fir-rigward tal-intimat Philip Bartolo jgħid li ma jafux.*

*Albert Mamo[32], il-Kummissarju tal-Artijiet, fix-xhieda tiegħu jikkonferma li l-permess tal-gabbana beda joħroġ fuq isem l-intimata u baqa' joħroġ fuq isimha kull sena. Jikkonferma wkoll li hija ċediet il-permess lil bintha Rayona u l-permess baqa' joħroġ fuq Rayona Caruana. Mistoqsi in kontro-eżami jekk f'każ li jkun hemm partnership informali bejn żewġ partijiet u l-liċenzja tkun irreġistrata fuq persuna waħda, huma jidħlux fiha, huwa irrisponda fin-negattiv.*

*Mario Caruana[33], li fl-1988 ċeda favur tal-intimata d-drittijiet tiegħu t'inkwilinat/beach concession u biegħlha l-gabbana bl-armar u l-istokk kollu tagħha, jispjega li huwa ma jiġi xejn mill-intimati (minkejja li għandhom l-istess kunjom). Jgħid li meta kien rama' bil-gabbana kien induna li kien fiha wisq xogħol u wara ftit ġimgħat biegħha. Ma jiftakarx jekk dak in-nhar li biegħ il-gabbana kienx hemm ir-rikorrent, fil-fatt jgħid li ma jafux. Jgħid li l-intimati dak iż-żmien ma kinux semmewlu li fin-negozju kien se jkun hemm tnejn minn ħut l-intimata. Jgħid li minn mindu tħallas il-flus tal-gabbana ma jafx x' sar.*

*Din il-qorti wara li fliet b'reqqa kbira l-provi kollha tinsab moralment konvinta illi nonostante l-fatt li Mario Caruana fid-9 ta' Lulju 1988 jidher li kien ċeda l-"beach concession" u biegħ il-gabbana bl-armar u l-istokk kollu tagħha lill-intimata Marthese Caruana, u nonostante l-fatt li l-permess għall-ġestjoni tan-negozju tal-gabbana mid-Dipartiment tal-Artijiet inqaleb fuq isimha biss,* ***in-negozju tal-gabbana "Marea Kiosk" kien fil-fatt tagħha u ta' ħuha r-rikorrent Philip Bartolo (sakemm fl-2006 qabdet u ttrasferietu lil bintha Rayona u anke ċeditilha l-konċessjoni).***

[30] Xiehda tal-attriċi Emanuela Bartolo tal-24 ta' Ġunju 2009, fol 415-416.
[31] Xiehda ta' John Mary Caruana tas-26.05.2010, fol 441-443.
[32] Xiehda ta' Albert Mamo, tat-08.02.2012, fol 485.
[33] Xiehda ta' Mario Caruana tat-08.02.2012, fol 487-489.

*Jidher li kien hemm raġuni għalfejn fl-1988 il-permess inħareġ fuq isem l-intimata biss. Hija tispjega li żewġha Tarcisio Caruana jiġi ħu Raymond Caruana li kien inqatel, u l-ministru ried li l-kjosk jieħdu proprju hu, tal-familja Caruana. Kien fil-fatt Jimmy Caruana, ħu Tarcisio Caruana, li rsista għall-permess. Ir-rikorrent Philip Bartolo fil-fatt jikkonferma li l-permess kellu jdur proprju fuq tal-familja Caruana u jgħid li kien ġie miftiehem li jdur fuq oħtu Marthese (mart Tarcisio Caruana), iżda jsostni li kienet talbitu jidħol sħab magħha u spiċċaw ftehmu anke ma' ħuhom l-ieħor Raymond Bartolo biex dan ukoll jidħol fin-negozju magħhom.*

*Jiġi osservat il-fatt sinifikanti li kien ir-rikorrent Philip Bartolo li ħareġ is-somma ta' Lm10,000 sabiex oħtu l-intimata setgħet takkwista d-drittijiet ta' inkwilinat/beach concession li kien ser iċedilha Mario Caruana, u wkoll il-gabbana nnifisha bl-istokk u l-armar tagħha permezz tal-iskrittura tad-9 ta' Lulju 1988. Anke jekk dawn tathomlu lura ftit wara, u cioé meta ħadet loan mill-bank fuq isimha, jibqa' l-fatt li r-rikorrent Philip Bartolo kien iggarantixxa tali loan da parti tiegħu bid-dar tiegħu u żewġ imħażen kbar. (Fil-fatt anke ħuhom Raymond kien iggarantixxa tali loan b'proprjetà tiegħu, sakemm telaq min-negozju wara sena). Il-Qorti tiddubita x'interess kellu ir-rikorrent li jieħu tali riskju jekk mhux għaliex kien proprju sħab fin-negozju.*

*Jirriżulta ampjament pruvat minn diversi xhieda (inkluż l-intimata stess) illi l-qliegħ mill-gabbana kien jinqasam bin-nofs (50/50) bejn ir-rikorrent u l-intimata wara li kienu jitħallsu l-ispejjeż, il-pagi, jinxtraw l-oġġetti relatati mat-tmexxija tal-kjosk u jsiru d-depożiti l-bank sabiex jinqata' d-dejn. (Fil-fatt meta kien għadu sħab magħhom ħuhom Raymond fl-ewwel sena, il-qliegħ kien jinqasam bejn tlieta, imbagħad wara li telaq min-negozju beda jinqasam bejn tnejn.) Fil-fehma ta' din il-qorti ma hija kredibbli xejn il-verżjoni tal-intimata illi kienet taqsam il-qliegħ maż-żewġ ħutha Raymond u Philip (imbagħad wara li telaq Raymond, ma' Philip biss) "bona grazzja" tagħha peress li kienu għamlulha l-"pjaċir" li joqgħodu garanti sabiex hija tibda n-negozju tagħha. Li wieħed joffri li jagħmel tajjeb fuq self li tkun ħadet oħtu bil-proprjeta` tiegħu imur ferm oltre sempliċi "pjaċir". Terġa' f'dan il-każ kienu żewġt aħwa u mhux wieħed li oriġinarjament iggarantixxew is-self fuq isem oħthom bil-proprjetà tagħhom. Hija ferm inverosimili li dawn iż-żewġt aħwa għamlu dan bi "pjaċir" għal oħthom u mhux għax kellhom interess personali u dirett fin-negozju.*

*Hija invece verosimili t-teżi tar-rikorrenti illi l-intimata, aktarx fuq parir li ħadet, fl-aħħar sena li ħadmu flimkien (2005) irreġistrat lil ħuha mal-ETC bħala impjegat magħha, bl-iskop li ċċaħdu minn sehmu. U proprju dik is-sena stess itterminatlu l-"impieg" minħabba "redundancy". Fil-fatt kien biss ftit wara dan kollu, li bdiet tippretendi li n-negozju huwa tagħha biss u sussegwentement ittrasferietu fuq bintha Rayona Caruana. Li kieku r-rikorrent Philip Bartolo verament kien impjegat tagħha, ċertament li ma kienx ser jipparteċipa b'mod tant attiv fin-negozju tul is-*

*snin: jirriżulta li huwa kien jikteb fil-kotba tal-amministrazzjoni tal-gabbana u meta tagħlaq is-sena kien iżomm il-kotba hu, l-assikurazzjoni tal-gabbana hija intestata fuqu, ix-xogħol kollu tal-bank rigwardanti depożiti, kotba tax-xogħol, PAYE etc kien jieħu ħsiebu hu. Anke l-impjegati xehdu li daqqa kienu jitħallsu mir-rikorrent u daqqa mill-intimata. Kien jordna xogħol minn barra relatat mal-gabbana (bħal per eżempju l-konsenja tal-umbrelel mingħand l-Express Trailers). Kien anke magħruf mas-supretendent D'Anastasi bħala wieħed mis-sidien tal-gabbana u meta kienu jinqalgħu problemi dwar il-ġestjoni tal-gabbana huwa kien ikellem lir-rikorrent. Anke meta kellu jsir taraġ ma' ġenb il-gabbana, kien proprju r-rikorrent Philip Bartolo li inkariga lill-kuntrattur Dione Bartolo.*

*Għalhekk in vista ta' dan kollu din il-qorti hija konvinta li anke jekk ma teżisti l-ebda skrittura bejniethom f'dan is-sens, ir-rikorrenti kienu fil-fatt proprjetarji tan-negozju tal-"Marea Kiosk" flimkien mal-intimati qabel ma l-intimata ttrasferitu lil bintha Rayona, kif irriżulta fil-mori tal-kawża.*

***Issir riferenza għas-sentenza li qegħda tingħata wkoll llum fir-rigward tal-kawża l-oħra bin-numru 1254/07AF fejn qed jiġi dikjarat li t-trasferiment/bejgħ tal-gabbana bl-assi tanġibbli tagħha, l-permessi għall-ġestjoni, l-avvjament, il-jeddijiet tal-proprjetà intellettwali u kull jedd ieħor fuq l-istess negozju da parti ta' Marthese Caruana għal fuq bintha Rayona Caruana huwa null u għalhekk in-negozju għadu teknikament tal-kontendenti.***

*Issa ladarba minħabba d-diżgwid li inqala' r-rikorrenti ma jridux jibqgħu aktar in komunjoni mal-intimati fil-proprjetà u t-tmexxija tal-gabbana in kwistjoni, u ladarba wkoll tali gabbana mhux kommodament diviżibbli, għandu jiġi ordnat il-bejgħ tagħha u bl-assi tanġibbli tagħha, l-avvjament, il-jeddijiet tal-proprjetà intellettwali u kull jedd ieħor fuq l-istess negozju fl-irkant.*

*Fir-rigward tal-permessi għall-ġestjoni tan-negozju però, din il-qorti ma tarax kif tista' tiddikjara li dawn illum huma proprjetà komuni tar-rikorrenti u tal-intimati kif qed jitolbu r-rikorrenti bħala parti mill-ewwel talba tagħhom, anke jekk fil-kawża l-oħra qed jiġi dikjarat li t-trasferiment/bejgħ tal-Marea Kiosk lil Rayona Caruana (bl-assi tanġibbli bħall-kjosk innifsu, l-oġġetti li jiġu kkunsmati, makkinarju, tagħmir u ħażniet, permessi għall-ġestjoni tan-negożju, avvjament, jeddijiet tal-proprjetà intellettwali u kull jedd ieħor) huwa null.*

*Lanqas ma huwa l-każ li dawn jistgħu jinbiegħu fl-irkant kif qed jitolbu r-rikorrenti bħala parti mit-tielet talba tagħhom. Il-permessi relatati mal-gabbana għal dawn l-aħħar snin ħarġu mill-awtoritatjiet rispettivi fuq isem Rayona Caruana peress li ħadet it-tmexxija tan-negozju tal-gabbana f'idejha wara li ttrasferitulha/biegħetulha ommha l-intimata Marthese Caruana (anke jekk tali trasferiment/bejgħ illum qed jiġi dikjarat null fil-kawża l-oħra).*

> *Meta jsir il-bejgħ bl-irkant kif ser jiġi ordnat minn din il-qorti, il-parti li effettivament takkwista n-negozju tal-gabbana*[34] *għandha tirrikorri għand l-awtoritajiet rispettivi biex il-permessi kollha relattivi għall-gabbana jinqalbu fuq isimha*";

5. Illi billi l-appellanti ħassewhom aggravati bl-imsemmija sentenza u bil-provvediment tal-10 ta' Novembru, 2009 (li ċaħad it-talba tagħhom biex jitħallew iressqu eċċezzjoni ulterjuri), b'Rikors tal-Appell imressaq minnhom fit-22 ta' Marzu, 2016, u għar-raġunijiet hemm imfissra, filwaqt li ressqu bħala aggravju n-nullita` tas-sentenza appellata u bla ħsara għal dak l-aggravju, talbu li din il-Qorti tilqa' l-appell tagħhom u timmodifika, tvarja u tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn l-ewwel Qorti astjeniet milli tqis ir-raba', il-ħames u s-sitt talbiet attriċi, u tannullaha, tirrevokaha u tħassarha kemm għar-rigward tal-provvediment tal-10 ta' Novembru, 2009, kif ukoll meta laqgħet l-ewwel tliet talbiet tar-rikorrenti u ordnat il-bejgħ ta' "*Marea Kiosk*" u t-tehid tal-permessi tan-negozju mingħajr kumpens, u b'hekk tilqa' l-eċċezzjonijiet imressqa minnhom. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellati;

6. Illi permezz ta' Tweġiba tas-6 ta' April, 2016, u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-appellati laqgħu billi qalu li l-appell għandu jiġu miċħud, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellanti;

7. Rat l-atti kollha tal-kawża;

---

[34] Ladarba mhux ser ikun hemm oblaturi estranji ser ikunu r-rikorrenti konjuġi Bartolo jew ir-rikorrenti konjuġi Caruana li ser jakkwistaw il-gabbana.

8. Semgħet it-trattazzjoni mid-difensuri taż-żewġ partijiet waqt is-smigħ tal-25 ta' Mejju, 2021, f'liema smigħ ħalliet l-appell għas-sentenza;

***Ikkonsidrat:***

9. Illi din hija azzjoni għal qasma jew bejgħ b'liċitazzjoni ta' negozju. L-atturi appellati fetħu din il-kawża għaliex jgħidu li ladarba nqalgħu kwistjonijiet bejnhom u l-appellanti, ma jixtiqux jibqgħu f'komunjoni magħhom dwar it-tagħmir, assi, benefikati u tmexxija ta' negozju li kien jitmexxa bejniethom għal bosta snin minn gabbana bl-isem ta' "*Marea Kiosk*" li tinsab fil-bajja tal-Għadira, fil-limiti tal-Mellieħa. L-appellati fasslu t-talbiet tagħhom fuq il-fatt li għal bosta snin ħadu sehem attiv fit-tmexxija u t-tħaddim ta' dan in-negozju flimkien mal-intimata appellanti u kienu jaqsmu magħha l-qligħ wara li jitnaqqsu l-ispejjeż ta' kull ġimgħa. Jgħidu wkoll li għaddew flejjes lill-imsemmija appellanti biex seta' jinxtara n-negozju mingħand terza persuna li riedet twellih, u kienu wkoll daħlu garanti għaliha għas-self li kellha mal-bank. L-appellanti, min-naħa l-oħra, jgħidu li m'għandhom jaqsmu xejn mill-ġid tan-negozju mal-appellati billi dawn tħallsu tas-servizz li taw u l-flejjes li l-appellati ħarġu ntraddewlhom lura fi ftit jiem minn mindu ħarġuhom. L-appellanti żżid tgħid li l-permess maħruġ mill-Kummissarju tal-Artijiet biex jista' jitħaddem il-kjosk isejjaħ lilha u kienet hi li dejjem ħallset l-ispejjeż

marbuta mat-tmexxija tal-kjosk. L-ewwel Qorti, filwaqt li ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-appellanti, laqgħet l-ewwel tliet talbiet attriċi u astjeniet milli tqis il-bqija tat-talbiet. Fil-qofol, l-ewwel Qorti sabet li kienet minnha l-pretensjoni tal-appellati li n-negozju tal-gabbana kien jitħaddem bi sħab bejn ir-rikorrent appellat u oħtu l-intimata appellanti;

10. Illi xieraq jingħad li din il-kawża kienet qiegħda tinstema' flimkien ma' kawża oħra[35] bejn l-istess partijiet u b'rabta mal-istess negozju u li s-sentenza mill-appelli mressqa minnha (appell ewlieni tal-intimati Caruana u appell inċidentali mill-atturi Bartolo) qiegħda tingħata llum flimkien ma' din;

11. Illi l-appellanti jqajmu **ħames aggravji** mis-sentenza appellata. Fil-qosor dawn jinġabru hekk: l-ewwel, li s-sentenza appellata ma tiswiex billi ngħatat f'ismijiet ħżiena u ma tistax tiġi esegwita, għaliex l-attur appellat Philip Bartolo miet u qatt ma saret il-leġittimazzjoni tal-atti. It-tieni aggravju jirrigwarda l-provvediment tal-10 ta' Novembru, 2009, li bih l-ewwel Qorti ċaħdet lill-appellanti t-talba tagħhom il-fakulta` li jitħallew iressqu eċċezzjoni ta' natura legali, minkejja li kien hemm żmien li din tiġi meqjusa. It-tielet, li l-ewwel Qorti naqset li tqis x'tgħid il-liġi li tgħodd għall-każ li kellha quddiemha. Ir-raba', li l-ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-fatti u ċ-ċirkostanzi tal-każ li wassalha għal konklużjonijiet

[35] Rik. Nru. 1254/07AF.

żbaljati. Il-ħames, li l-ewwel Qorti ma setgħetx tqis jekk il-kjosk kienx komodament diviżibbli mingħajr ma tkun mgħejuna minn fehma ta' perit tekniku, mingħajr ma kellha valur ta' kemm jiswa n-negozju, u meta wħud mill-oġġetti spiċċaw u ġew mibdula;

12. Illi, min-naħa l-oħra, l-appellati jilqgħu għall-ewwel aggravju billi jgħidu li t-trasfużjoni tal-ġudizzju f'isem il-werrieta ta' Philip Bartolo qed isir kontestwalment mal-preżentata tat-Tweġiba għall-appell. Itennu wkoll li din il-Qorti, bis-saħħa tal-Artikolu 175(2), tista' ssewwi żball fl-isem tal-partijiet. Jilqgħu għat-tieni u t-tielet aggravju billi jgħidu li l-ewwel Qorti ċaħdet it-talba mressqa mill-appellanti li jressqu eċċezzjoni ulterjuri mhux biss għaliex kienu jafu biha mill-bidunett iżda wkoll għaliex il-kwistjoni ma tirrigwardax soċjeta` universali ta' qligħ imma assoċjazzjoni partikolari fuq negozju partikolari li għaliha jgħodd l-Artikolu 1650 tal-Kodiċi Ċivili. Għar-raba' aggravju, jilqgħu billi jgħidu li l-provi juru li Philip Bartolo kien sid tan-nofs fil-"*Marea Kiosk*" minkejja li l-liċenzja maħruġa mill-Kummissarju tal-Artijiet tgħajjat lil oħtu l-appellanti, filwaqt li għall-ħames aggravju jilqgħu billi jgħidu li kjosk, minn natura tiegħu, ma jistax jinqasam: għaldaqstant l-ewwel Qorti kienet fis-sewwa meta ma ħatritx perit tekniku biex jassistiha;

13. Illi l-Qorti sejra tibda biex tqis **l-ewwel aggravju** li jitkellem dwar preġudizzjali proċedurali li, kieku kellu jintlaqa', ma jkunx hemm ħtieġa li

jitqiesu l-aggravji l-oħrajn u s-sentenza appellata titħassar. Fil-fehma tal-appellanti, is-sentenza hija nulla billi l-"okkju" ma jirriflettix il-partijiet u dan minħabba li l-attur appellat Philip Bartolo ġie nieqes hi u miexja l-kawża. Il-Qorti tqis li dan l-aggravju m'huwiex tajjeb u bl-ebda mod ma jista' jingħad li s-sentenza appellata ma tiswiex minħabba ċirkostanza bħal din. L-imsemmi attur miet fi Frar 2013, jiġifieri aktar minn tliet (3) snin qabel ingħatat is-sentenza appellata. Meta miet, il-kawża kienet diġa` tħalliet għas-sentenza. Ladarba fi żmien sitt xhur mill-mewt tiegħu ma jirriżultax li tressqet talba minn xi persuna sabiex tkompli l-kawża minfloku, l-ewwel Qorti kienet fis-sewwa meta kompliet il-kawża f'isem il-mejjet Philip Bartolo, u s-sentenza appellata hija llum eżegwibbli kontra l-eredi tal-mejjet, kif tgħid il-liġi fl-Artikolu 810B tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili[36];

14. Illi l-Qorti tqis li, wara l-għoti tas-sentenza appellata, il-werrieta ta' Philip Bartolo ressqu talba[37] quddiem din il-Qorti sabiex il-ġudizzju tal-kawża appellata jiġi trasfuż fuqhom bħala l-werrieta tiegħu, liema talba ntlaqgħet minn din il-Qorti fl-20 ta' Mejju, 2016;

15. Illi tqis ukoll li bis-saħħa tal-bidliet li ddaħħlu fil-Kodiċi bl-Att IV tal-2016, din il-Qorti ngħatat is-setgħa li tordna wkoll korrezzjonijiet fis-

---

[36] L-Artikolu 810B ġie introdott fil-Kap. 12 permezz tal-Art. 6 tal-Att XVII tal-2012 b'seħħ mit-2.11.2012.

[37] Paġġ. 553 sa 562 tal-proċess.

sentenza tal-Qorti tal-ewwel istanza u korrezzjonijet oħra li l-Qorti tqis li huma ġustifikati fl-atti ġudizzjarji fi kwalunkwe stadju tal-proċeduri fl-appell sa meta l-appell jitħalla għas-sentenza, fuq talba ta' xi waħda mill-partijiet, u wara li tagħti lill-partijiet l-opportunita` li jinstemgħu[38];

16. Illi dan l-aggravju għaldaqstant ser jiġi miċħud għaliex m'għandux mis-sewwa;

17. Illi l-Qorti sejra tqis flimkien i**t-tieni u t-tielet aggravji** li bihom l-appellanti wkoll iqajmu l-kwistjoni tas-siwi tas-sentenza appellata, imma aktar minn hekk ukoll. L-appellanti jsostnu li l-ewwel Qorti ċaħħdithom milli jressqu eċċezzjoni ulterjuri meta kienu għadhom fil-waqt li jistgħu jagħmlu dan. Jgħidu wkoll li din l-eċċezzjoni tressqet f'waħda mill-kawżi li kienu mexjin ma' din[39] u minkejja li kienet saret dikjarazzjoni li l-provi f'kawża kienu jgħoddu għall-oħra, iżda l-ewwel Qorti f'dik il-kawża warrbitha wkoll. B'dan l-aggravju l-appellanti jgħidu li l-ewwel Qorti warrbet id-difiża mqajma minnhom dwar is-soċjeta` universali li kien hemm bejn il-partijiet u s-siwi tagħha ladarba ma twaqqfitx bis-saħħa ta' att pubbliku, kif titlob il-liġi[40]. Mhux hekk biss, imma f'din il-kawża jgħidu li l-ewwel Qorti ċaħħdithom milli jqajmu din id-difiża, minkejja li kellhom kull jedd li jagħmlu dan u minkejja li, meta talbu li jitħallew iqajmuha, kienu

[38] Ara Art. 175(2) fl-ewwel *proviso* tiegħu.
[39] Rik. Nru. 1254/07AF.
[40] Artt. 1649(2) u 1651(1) tal-Kap 16.

għadhom fiż-żmien li jagħmlu dan. L-appellanti jgħidu li, b'dan il-mod, l-ewwel Qorti evitat milli tqis dispożizzjonijiet tal-liġi li jgħoddu għall-każ;

18. Illi min-naħa tagħhom, l-appellati jgħidu li l-ewwel Qorti għamlet sewwa li ma ħallietx lill-appellanti jqajmu eċċezzjonijiet ulterjuri. Jgħidu li l-provvediment kien mistħoqq u l-aggravju tal-appellanti ma jistax jintuża bi skuża talli naqsu li jagħmlu dak li messhom għamlu f'waqtu fl-ewwel istanza. L-appellati jgħidu li l-azzjoni tagħhom ma għandha x'taqsam xejn ma soċjeta` universali ta' qligħ, imma dwar assoċjazzjoni partikolari fuq negozju partikolari marbut mat-tmexxija tal-kjosk. Arranġament bħal dak ma kienx jitlob l-att nutarili pubbliku bħala element *ad validitatem* tas-siwi tar-rabta li kien hemm bejn il-partijiet;

19. Illi l-Qorti tqis li dan l-aggravju jinqasam f'żewġ ilmenti: l-ewwel ilment huwa dwar il-provvediment u jekk l-ewwel Qorti għamlitx sewwa meta ċaħdet it-talba għat-tressiq ta' eċċezzjoni ulterjuri. L-appellanti jgħidu li kellhom kull jedd iressqu din l-eċċezzjoni billi biha kienu qed jinvokaw dispożizzjoni tal-liġi li tgħodd għall-każ. It-tieni lment huwa li, minkejja li dik l-eċċezzjoni ulterjuri ma tħallietx titqajjem f'din il-kawża, kienet tabilħaqq eċċezzjoni li tqajment f'waħda mill-kawżi li kienet miexja ma' din, u s-sentenza appellata xorta waħda warrbitha u b'hekk is-sentenza ma tiswiex għaliex injorat artikolu tal-liġi li kien jgħodd għall-każ;

20. Illi jibda biex jingħad li r-regola ġenerali hi li l-eċċezzjonijiet, ta' liema natura huma, għandhom jingħataw fit-Tweġiba Maħlufa[41]. Dan huwa jedd li jingħata lill-parti mħarrka fil-kawża li tiddefendi ruħha u qorti, min-naħa l-oħra, hija marbuta li tqishom u tagħti ġudizzju fuqhom. Kemm-il darba ma jitressqux f'dak l-istadju tal-kawża, jeħtieġ li tinkiseb l-awtorizzazzjoni tal-Qorti biex jitressqu eċċezzjonijiet oħrajn, u l-Qorti għandha s-setgħa ma tilqax talba għat-tressiq ta' eċċezzjonijiet oħrajn jekk ma jingħatawx raġunijiet tajba biżżejjed biex jiġġustifikaw għaliex tali eċċezzjonijiet ma tressqux qabel[42]. Din ir-regola ma tgħoddx għal dawk l-eċċezzjonijiet li jistgħu, b'dispożizzjoni espressa tal-Kodiċi, jingħataw f'kull waqt tal-proċedimenti, jew għall-każ ta' eċċezzjonijiet li jinqalgħu waqt il-kawża[43]. Il-liġi tgħid ukoll li jista' jsir bdil fit-Tweġiba Maħlufa, wara li jkunu nġabu l-provi min-naħa tal-attur u qabel ma l-parti mħarrka tibda tressaq il-provi tagħha, li bih issir rinunzja ta' xi waħda jew aktar mill-eċċezzjonijiet li jkunu diġa` tqajmu, jew biż-żieda ta' eċċezzjonijiet oħrajn[44];

21. Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, l-eċċezzjoni li l-appellanti riedu jqajmu tolqot il-mertu proprju ta' din il-kawża. L-appellanti jsostnu li l-ftehim ta' sħubija li l-appellati jibbażaw il-kawża tagħhom fuqu kien meħtieġ li jsir b'att pubbliku, u fin-nuqqas id-dikjarazzjoni li qed jittantaw

[41] Art. 728(1) tal-Kap. 12.
[42] Art. 728(2) tal-Kap. 12.
[43] Art. 731 tal-Kap. 12.
[44] Art. 158(11) tal-Kap 12.

jakkwistaw l-appellati li l-kjosk u n-negozju huwa ġid komuni bejnhom u bejn l-appellanti ma jreġix. L-ewwel Qorti sabet li l-appellanti ma tawhiex raġunijiet tajbin għalfejn dik l-eċċezzjoni ma ressquhiex flimkien mal-eċċezzjonijiet l-oħrajn fit-Tweġiba Maħlufa. Fil-fatt, minn qari tar-Rikors tal-24 ta' Settembru, 2009[45], ebda forma ta' spjegazzjoni ma tingħata mill-appellanti għal tali nuqqas;

22. Illi din il-Qorti tasal għall-istess fehma bħall-ewwel Qorti. Tqis li l-eċċezzjoni ulterjuri tieħu s-sura ta' difiża tant fundamentali għall-azzjoni attriċi, illi ma setgħetx kienet ir-riżultat ta' xi ħaġa li nqalgħet waqt il-kawża għaliex ir-rikorrenti, fir-Rikors Maħluf, ma jħallu ebda dell ta' dubju dwar x'inhuma l-pretensjonijiet tagħhom fil-konfront tal-appellanti intimati. Tqis li ma jgħoddx lanqas dak li jgħid l-Artikolu 158(11) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, billi t-talba tal-appellanti[46] saret wara li huma kienu bdew iressqu l-provi tagħhom;

23. Illi l-appellanti jgħidu wkoll li l-ewwel Qorti ma setgħetx twarrab dispożizzjoni espressa tal-liġi li tkun inġabet quddiemha (imqar f'kawża konnessa) u tagħżel li ma tħaddimhiex. Din il-Qorti ma taqbilx ma' din il-linja ta' difiża u tfakkar li kull qorti, kif ukoll kull parti f'kawża, huma marbuta li jimxu mal-proċedura stabbilita mil-liġi. Kif ingħad aktar 'il fuq,

---

[45] Ara paġ. 417 tal-proċess.
[46] Ara paġ. 417 tal-proċess. Ara wkoll l-verbal tas-smigħ tat-12 ta' Ġunju, 2007 f'paġ. 331 tal-proċess.

l-appellanti kellhom kull jedd li jressqu d-difiża li riedu biex jilqgħu għax-xiljiet attriċi, imma dan kellu jsir fil-parametri proċedurali li tistabbilixxi l-liġi u mhux x'ħin jogħġobhom l-appellanti. L-ewwel Qorti għaldaqstant ma kellha ebda obbligu li tħalli li titressaq eċċezzjoni ulterjuri f'dak l-istadju tal-kawża u, f'dan ir-rigward, din il-Qorti ma tarax li għandha xi tmaqdar fil-mod li l-ewwel Qorti wettqet id-diskrezzjoni tagħha;

24. Illi għalhekk, safejn l-appell jirrigwarda s-siwi tal-provvediment, dan l-aggravju m'huwiex mistħoqq u mhux se jintlaqa';

25. Illi dwar it-tieni parti tal-ilment li jitkellem in-nuqqas ta' siwi tas-sentenza appellata minħabba li l-ewwel Qorti ma ħaddmitx dispożizzjoni tal-liġi għall-każ u wkoll għaliex ma laqgħetx l-eċċezzjoni fil-kawża li kienet miexja ma' din, il-Qorti tqis li din mhix kwistjoni li għandha tiġi mistħarrġa f'din il-kawża u ser tistħarriġha f'dik il-kawża;

26. Illi wara li qieset dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tasal għall-fehma li kemm it-tieni kif ukoll it-tielet aggravji ma għandhomx mis-sewwa u ma jistħoqqilhomx jintlaqgħu;

27. Illi dwar ir-**raba' aggravju**, l-appellanti jgħidu li l-ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-fatti li nġiebu quddiemha. Fil-qosor jgħidu li l-appellati m'humiex kredibbli, dan kemm għaliex il-karti uffiċjali,

bħall-permess tat-tħaddim tal-kjosk, il-liċenzja tal-kummerċ maħruġa mill-Pulizija dak iż-żmien, u n-numru tar-reġistrazzjoni mad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud ilkoll jgħajtu lill-appellanta, kif ukoll għaliex in-negozju kienet tmexxih għal kollox l-istess appellanta. Jgħidu wkoll li l-appellati naqsu li jġibu prova li l-appellanta kienet tassew il-*prestanome* ta' ħuha r-rikorrent Philip Bartolo meta l-kitba privata tad-9 ta' Lulju, 1988[47], bejn Mario Caruana u Marthese Caruana, issejjaħ lill-appellanta Caruana. Jiġbdu l-attenzjoni għall-fatt li r-rikorrent Philip Bartolo kien preżenti quddiem in-Nutar meta saret dik il-kitba, iżda minkejja dan, ma jissemma mkien fiha. Jargumentaw li kieku tabilħaqq Bartolo kellu sehem min-negozju, messu attakka l-kitba privata, ħaġa li qatt ma għamel;

28. Illi l-appellati jilqgħu għal dan l-aggravju billi jisħqu li l-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża jixħtu dawl differenti minn dak li jagħtuhom l-appellanti. Jgħidu x'jgħidu l-appellanti, għal bosta snin l-appellat kien iwettaq funzjonijiet u jidħol f'responsabbiltajiet li sieħeb biss jista' jagħmilhom u l-appellanti ma jistgħux jistkennu wara l-argument li dan kien jitħalla jagħmlu għaliex l-appellanta kienet tafda fih u tqisu bħal missierha. Fost l-argumenti li jressqu, l-appellati jgħidu li l-appellanta naqset mir-rabtiet fiduċjarji li kellha lejn ħuha u jtennu wkoll li, saħansitra fuq il-kitba tad-9 ta' Lulju, 1988 (li biha l-appellanta kisbet il-kjosk, it-tagħmir u l-i*stock* ta'

[47] Dok "Y", f'paġ. 10 tal-proċess.

ġo fih mingħand Mario Caruana), hija kienet qiegħda tidher bħala *prestanome* u fl-interess ukoll tiegħu;

29. Illi għal dak li jirrigwarda l-parti tal-aggravju fejn l-appellanti jikkontestaw l-apprezzament magħmul mill-ewwel Qorti tal-provi li tressqu quddiemha, ingħad kemm-il darba li r-regola hi li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-fatti magħmul minn Qorti tal-ewwel grad jekk mhux f'ċirkostanzi eċċezzjonali jew meta jkun intwera li dak l-apprezzament ikun wieħed mhux raġonevoli jew mhux mibni fuq il-fatti proċesswali[48]. Minkejja dan, huwa minnu wkoll li "*Il-Qorti tal-Appell għandha awtonomija sħiħa fl-apprezzament tal-fatti u għandha kull setgħa tinterpreta l-fatti mod ieħor minn kif tkun fehmithom qorti tal-ewwel grad. Huwa minnu illi fejn tidħol kredibilita` ta' xhieda li l-ewwel qorti tkun semgħet viva voce qorti ta' reviżjoni ma hijiex sejra faċilment tiddisturba l-apprezzament li tkun għamlet l-ewwel qorti, u lanqas ma taqleb il-konklużjoni tal-ewwel qorti meta din tkun għażlet bejn żewġ possibiltajiet ta' interpretazzjoni ta' fatt li t-tnejn ikunu plawsibbli. Madankollu, il-Qorti tal-Appell għandha s-setgħa tikkorreġi kull apprezzament ta' fatt li jidhrilha li jkun żbaljat irrispettivament mill-gravita` tal-iżball. Iżżid tgħid, anzi, li, aktar u aktar f'sistema bħal tagħna fejn jeżisti grad wieħed biss ta' appell, il-Qorti tal-Appell tkun qiegħda tonqos mid-dmir tagħha jekk*

[48] App. Ċiv. **26.1.2018** fil-kawża fl-ismijiet ***Josephine Aġius v. Piju Theuma.***

*tabdika mir-responsabilita` tagħha li tagħmel apprezzament awtonomu tal-fatti*"[49];

30. Illi huwa fil-qafas ta' dawn il-parametri li din il-Qorti sejra tqis l-aggravju tal-appellat. Mill-atti jirriżulta li tabilħaqq uffiċjalment id-Dipartiment tal-Artijiet kien għal numru ta' snin ħareġ *encroachment permit* favur l-appellanta Marthese Caruana qabel ma dan ġie trasferit fuq bintha Rayona Caruana. Huwa minnu wkoll li mal-Awtorita` tat-Taxxa dwar il-Valur Miżjud, l-appellanta hija meqjusa bħala l-persuna li tmexxi n-negozju tal-gabbana. Jirriżulta wkoll li t-trasferiment tal-gabbana b'kulma kien fiha sar mis-sid ta' qabel (Mario Caruana) favur l-appellanta Marthese Caruana. L-ewwel Qorti dan kollu ħadet qies tiegħu u ma meritux. Minkejja dan, semmiet provi oħrajn imressqin quddiemha li wassluha biex tara li, lil hinn minn dak li kien jidher fuq livell uffiċjali u amministrattiv, kien hemm ċirkostanzi li jagħtu kreditu lil dak li kienu qegħdin jallegaw l-appellati, u li dawn iċ-ċirkostanzi kienu ilhom iseħħu sa mill-bidu u għal bosta snin;

31. Illi l-appellanti jgħidu li filwaqt li l-appellati naqsu li jġibu l-prova li tassew huma s-sidien tal-kjosk u kif in-negozju seta' ġie ġestit minnhom, l-ewwel Qorti minkejja dan, waslet għal konklużjoni opposta. L-appellanti jirrimarkaw aktar minn darba li l-ewwel Qorti warrbet fatti ċari li tressqu

[49] App. Ċiv. **14.12.2018** fil-kawża fl-ismijiet ***Dott. Antoinette Cutajar v. L-Onor. Dr. Joseph Muscat – Prim Ministru et.***

quddiemha min-naħa tal-appellanti u mxiet fuq allegazzjonijiet jew konġetturi tal-appellati;

32. Illi minn qari tas-sentenza appellata, jidher li l-ewwel Qorti waslet għall-konklużjonijiet tagħha wara li tat piż lix-xhieda tal-aħwa Bartolo[50] meta xehdu li n-negozju kien jitmexxa mill-appellanti u minn ħuha l-appellat (u, għall-ewwel żmien, minn ħuhom ieħor ukoll). L-ewwel Qorti ħadet qies ukoll ta' xhieda li m'humiex qraba tal-partijiet jew li ma kellhomx xi interess li jiġbdu lejn naħa jew oħra, fejn xehdu kif kienu jqisu lill-appellat Philip Bartolo bħala sid tal-kjosk[51]. Din ix-xhieda l-ewwel Qorti qisitha wkoll fil-qafas tax-xhieda mogħtija minn persuni oħra mhux qraba tal-partijiet u li kienu jagħrfu lill-appellanta bħala s-sid ukoll[52]. L-ewwel Qorti ħadet qies ukoll tax-xhieda ta' Philip Bartolo[53] u dik opposta mogħtija mill-appellanti Marthese Caruana[54], b'din tal-aħħar tfisser kif hija s-sid waħedha kemm tal-kjosk kif ukoll tan-negozju mmexxi minn ġo fih, minkejja li ħutha, Philip u Raymond, kienu għenuha finanzjarjament fil-bidu meta ħadet in-negozju f'idejha. Tispjega wkoll kif lill-appellati m'għandha tagħtihom xejn aktar għaliex tas-servizz li taw fil-kjosk hija ħallsithom dejjem u fil-waqt. L-ewwel Qorti tat piż ukoll għaċ-ċirkustanzi li wasslu lill-appellanti Caruana tikseb il-konċessjoni mingħand Mario Caruana fl-1988;

[50] Raymond Bartolo u Mary Bonnici.
[51] Supretendent Raymond D'Anastasi, Dione Bartolo, Peter England u Francis Vella.
[52] Tony Borg, Kenneth Xuereb, John Mary Caruana u Albert Mamo.
[53] Ara l-affidavit ta' Philip Bartolo f'paġġ. 15 sa 19 tal-proċess.
[54] Ara x-xhieda ta' Marthese Caruana f'paġġ. 346 sa 348 tal-proċess.

33. Illi l-Qorti għarblet sewwa ċ-ċirkostanzi fattwali li jolqtu l-każ, u xejn anqas l-argumenti mtennija mressqa mill-partijiet quddiem l-ewwel Qorti u quddiemha f'din l-istanza. Tara li l-ewwel Qorti waslet għall-konklużjoni li fuq il-kitba privata tal-1988[55], dehret Marthese Caruana u mhux ukoll ħuha Philip Bartolo, peress li hi kienet iġġorr il-kunjom Caruana[56]. Qieset ukoll x-xhieda ta' Raymond Bartolo dwar kif kien isir in-negozju u l-qsim tal-profitti wara li jinqatgħu l-ispejjeż[57]. Dak l-apprezzament li wettqet l-ewwel Qorti ma kien bl-ebda mod irraġonevoli jew ixaqleb bla mistħoqq lejn naħa jew oħra. Il-fatt li l-appellanti ma jaqblux miegħu jew li jgħidu li l-ewwel Qorti kienet sa minn stadju bikri tal-kawża wriet simpatija mat-teżi attriċi, ma jnaqqas xejn mis-siwi ta' dak l-apprezzament bħala l-frott tar-razjoċinju li jingħata lil kull ġudikant li quddiemu titressaq kawża. Bħall-ewwel Qorti qabilha, din il-Qorti ma tistax tifhem kif għal snin sħaħ l-appellanta, jekk mhux għaliex kienet fi sħab ma' ħuha Philip Bartolo, kienet taqsam miegħu d-dħul ġenerat min-negozju. Tagħti piż ukoll lill-fatt li l-attur Philip Bartolo kien aċċetta li joqgħod garanti bi ħwejġu għal dejn li oħtu l-appellanti kienet daħlet għalih marbut man-negozju, u baqa' hekk marbut minkejja li l-appellanti radditlu lura l-flus li silifha fil-bidunett. L-appellanti ma taw lill-ewwel Qorti ebda raġuni siewja għaliex din iċ-ċirkostanza ma kellhiex titfa' dawl fuq il-fatt li Philip Bartolo wkoll kien bi

55 Dok. "Y" f'paġ. 10 tal-proċess.
56 Ara f'dan is-sens ix-xhieda ta' Marthese Caruana f'paġ. 346 tal-proċess.
57 Ara x-xhieda ta' Raymond Bartolo f'paġ. 46 tal-proċess.

sħab ma' oħtu l-appellanti fit-tmexxija u r-riskji tan-negozju. Dawn kollha kienu konsiderazzjonijiet ta' natura legali li dik il-Qorti ma setgħetx twarrabhom kif ġieb u laħaq. Lanqas kienu konsiderazzjonijiet fiergħa jew frott ta' pretensjonijiet bla bażi. Quddiem din il-Qorti, l-appellanti ma ressqu l-ebda argument ieħor ġdid li ma kienx tressaq quddiem l-ewwel Qorti;

34. Illi bla ma tnaqqas xejn mis-siwi tal-konsiderazzjonijiet li għadhom kemm saru, din il-Qorti tħoss li l-isforz kbir u mtenni li l-appellanti jagħmlu f'dan l-aggravju dwar in-nuqqas ta' siwi tas-sentenza appellata fuq l-aspett formalistiku tal-kuntratt pubbliku, jixhed l-għarfien min-naħa tagħhom li, fuq l-aspett tal-apprezzament tal-fatti, il-każ tagħhom ma kienx b'saħħtu għall-aħħar. Għaldaqstant, din il-Qorti tasal għall-fehma li l-appellanti ma seħħilhomx juruha li l-apprezzament tal-provi li għamlet l-ewwel Qorti kien wieħed mhux raġonevoli jew mhux mibni fuq il-fatti proċesswali, kif qed jittantaw jixlu l-appellanti. Dan iwassal lill-Qorti biex tiċħad ir-raba' aggravju tal-appellanti bħala mhux mistħoqq;

35. Illi rigward il-**ħames aggravju**, l-appellanti jgħidu li l-ewwel Qorti ma setgħetx tqis li l-kjosk u t-tagħmir m'humiex komodament diviżibbli meta lanqas qabbdet perit tekniku biex jagħti l-fehma tiegħu jekk dan kienx minnu, mingħajr ma sar aċċess fuq il-post, bla ma kellha valur ta' kemm jiswa n-negozju, u meta wħud mill-oġġetti sallum spiċċaw jew

inbidlu b'oħrajn. Huma jgħidu li, b'dan il-mod, l-ewwel Qorti ddeċidiet hija stess dwar materja teknika li titlob kompetenza teknika. Minħabba f'hekk, jgħidu li s-sentenza appellata mhux biss ma tiswiex, imma hija wkoll irrita. B'żieda ma' dan kollu, jgħidu li l-kjosk li s-sentenza appellata tordna l-bejgħ tiegħu *sub hasta* lanqas għadu jeżisti u bint l-appellanti bniet ieħor bi flusha u skont ma jitolbu r-regolamenti tallum (minn liema nefqa Philip Bartolo ma ħareġ xejn);

36. Illi l-appellati jwarrbu dan l-aggravju billi jgħidu li ma kien hemm l-ebda ħtieġa li jitqabbad perit tekniku biex jgħid jekk permess għat-tmexxija ta' kjosk huwiex komodament diviżibbli. Iżidu jgħidu – b'allużjoni minn episodju bibliku – li ma tridx tkun Salamun biex tasal tgħid li kjosk ma jistax jinqasam bla xkiel u ħsara. Iqisu li l-ewwel Qorti għamlet sewwa li laqgħet it-talba biex kollox jinbiegħ f'irkant ġudizzjarju b'liċitazzjoni;

37. Illi l-mertu ta' dan l-aħħar aggravju jirrigwarda t-tieni, it-tielet u r-raba' talbiet attriċi. Fit-tieni talba attriċi, l-appellati talbu li l-ewwel Qorti ssib li l-kjosk ma jistax jinqasam bla xkiel u ħsara, filwaqt li fit-tielet talba talbu li l-ewwel Qorti tordna li kollox jinbiegħ f'irkant ġudizzjarju. Fir-raba' talba, talbu l-ħatra ta' perit tekniku biex jistma n-negozju u l-oġġetti li jagħmlu parti minnu, magħduda l-valur tal-kjosk innifsu, it-tagħmir, makkinarju u *stock*, il-permessi, il-ġestjoni, l-avvjament, il-jeddijiet tal-proprjeta` intellettwali u kull jedd ieħor dwar dak in-negozju;

38. Illi l-Qorti jidhrilha xieraq tippreċiża li minkejja li l-appellanti jilmentaw li l-Qorti ma ħatritx perit tekniku biex jassistiha kemm biex tiddeċiedi kwistjoni teknika, bħalma hija jekk il-kjosk jistax jinqasam bla xkiel u ħsara, kif ukoll il-valur ta' kemm jiswa n-negozju, fir-Rikors tal-Appell jitolbu konferma ta' dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti astjeniet milli tqis ir-raba', il-ħames u sitt talbiet attriċi. Issa fir-raba' talba attriċi, l-appellati talbu l-ħatra ta' Perit iżda l-Qorti astjeniet milli tqisha;

39. Illi l-Qorti tqis li l-appellanti ma jistgħux iressqu appell fil-konfront tar-raba' talba kemm għaliex, kif ingħad aktar 'il fuq, fir-Rikors tal-Appell huma talbu l-konferma ta' dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Qorti astjeniet, kif ukoll għaliex skont id-dispożizzjoni tal-Artikolu 235 tal-Kodiċi ta' Proċedura meta Qorti tal-ewwel grad tħalli barra fid-deċiżjoni waħda mit-talbiet proposti, ma jingħatax appell *ab omissa decisione*. Il-proċedura li kellha tintuża mill-appellanti, jekk hekk kien jidhrilhom xieraq, kienet talba fiż-żmien hemm stipulat mill-għoti tas-sentenza biex l-ewwel Qorti taqta' dik it-talba[58];

[58] App Ċiv **16.12.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr Kevin Dingli et noe v Surgiquip Limited.***

40. Illi għalhekk, safejn l-aggravju jitkellem dwar in-nuqqas ta' ħatra min-naħa tal-ewwel Qorti ta' perit kif mitluba, din il-Qorti ma tqisx li dak l-aggravju huwa tajjeb u lanqas ritwali;

41. Illi safejn l-aggravju jirrigwarda t-tieni u t-tielet talbiet attriċi, il-Qorti sejra tagħmel din l-osservazzjoni dwar jekk il-kjosk mertu tal-kawża u dak li jagħmel minnu setgħux jinqasmu "bla xkiel u mingħajr ħsara". L-appellanti jilmentaw li l-ewwel Qorti li mxiet fl-għama u qabdet u sabet li l-kjosk u t-tagħmir ma setgħux jinqasmu bla xkiel u ħsara bla ma mqar aċċediet fuq il-post. Madankollu, dan ma jirriżultax li kien il-każ. Fl-atti tal-kawża 1254/07AF, li kienet qiegħda tinstema' ma' din il-kawża, joħroġ biċ-ċar mhux biss il-qisien tal-kjosk[59], iżda fuq kollox il-fatt li din hija struttura "mobbli", suġġetta għall-għoti ta' permess ta' kull sena, u li skont il-permess mogħti mill-Kummissarju tal-Artijiet, meta ma tintużax fix-xhur li hija liċenzjata, trid saħansitra titneħħa minn fuq is-sit[60]. F'kelma waħda, il-kjosk min-natura tiegħu mhux diviżibbli bla xkiel u mingħajr ħsara u din il-Qorti, bħal l-ewwel Qorti, għarfet dan mingħajr il-ħtieġa li tqabbad Perit tekniku biex jgħinha tasal għal din il-fehma;

42. Illi filwaqt li din il-Qorti tagħraf li n-nuqqas ta' valutazzjoni tal-ġid mertu tat-tielet talba taf toħloq diffikultajiet meta u jekk il-partijiet se jersqu għal-liċitazzjoni, irid jingħad ukoll li ħadd mill-partijiet ma qajjem din il-

[59] Ara Dok, "FM39" f'paġ. 112 tal-atti tal-kawża 1254/07AF.
[60] Ara Dok. "FM34" f'paġ. 105 tal-atti tal-kawża 1245/07AF.

kwistjoni fis-sottomissjonijiet imressqin minnhom quddiem l-ewwel Qorti sa qabel ma ngħatat is-sentenza appellata. L-ilqugħ tat-tielet talba kif magħmula, fih innifsu ma fih xejn illegali. Dak li ngħad qabel dwar il-ħatra ta' perit jew esperti biex jagħtu valutazzjoni, kien il-mertu tar-raba' talba li l-ewwel Qorti astjeniet milli tqisha u li l-ebda parti ma appellat minnha. Tajjeb jew ħażin, fl-atti tal-kawża quddiem l-ewwel Qorti kien hemm provi dokumentali ta' żewġ mandati kawtelatorji[61] li l-appellati kienu kisbu b'ħarsien tal-pretensjonijiet tagħhom f'din il-kawża[62], u li jistgħu jiggwidaw lill-partijiet fil-mod kif titmexxa l-liċitazzjoni ordnata;

43. Illi wara li għamlet dawn il-kostatazzjonijiet, il-Qorti ssib li dan l-aggravju m'għandux mis-sewwa u mhux sejra tilqgħu;

***Deċide:***

44. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad l-appell** tal-intimati fir-rigward tal-provvediment mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-10 ta' Novembru, 2009, li bih ċaħdet it-talba magħmula mill-intimati appellanti biex tħallihom iressqu eċċezzjoni ulterjuri;

---

[61] Paġġ. 350 sa 360 tal-proċess.

[62] Ara d-digriet tat-28.11.2007 li bih l-ewwel Qorti ordnat li ssir l-allegazzjoni tal-Mandat ta' Inibizzjoni Nru. 1019/06GV u tal-Mandat ta' Deskrizzjoni 760/06JB f'paġ. 345 tal-proċess.

**Tiċħad l-appell** tal-istess intimati mis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-9 ta' Marzu, 2006, fil-kawża fl-ismijiet premessi billi mhux mistħoqq fil-fatt u lanqas fid-dritt u għalhekk tikkonferma għal kollox l-istess sentenza appellata, **bl-ispejjeż** ta' din l-istanza jitħallsu wkoll mill-appellati[63]; u

Għall-finijiet **tat-terminu** mogħti mill-ewwel Qorti biex issir il-liċitazzjoni mitluba, iż-żmien ta' xahrejn biex din issir għandu jibda miexi millum.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm

[63] Il-Kelma "appellati" qed tiġi sostitwita bil-kelma "appellanti" kif ordnat b'digriet tas-6 ta' Settembru 2021.